MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 192/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici qeda titlob ir-rexissjoni ta’ kuntratt pre nuzzjali maghmul bejnha u bejn zewgha u ppubblikat fil-21 ta’ Gunju 1999; u dan in bazi ghal qerq allegatament prattikat fuqha mill-konvenut, kif ukoll zball sostanzjali;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in linea preliminari eccepixxa l-inkompetenza rationae materiae ta’ din il-Qorti, u li l-Qorti kompetenti hija l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi l-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejnha u bejn zewgha l-konvenut.

In tema legali jigi osservat li bhala regola, “il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta’ l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha” *[App.C. Frankie Refalo vs Jason Azzopardi – 7.10.1997].*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta car li l-meritu principali tal-kawza odjerna mhijiex il-kwistjoni tas-separazzjoni tal-beni izda hija l-validita’ o meno ta’ l-istess kuntratt u cioe’ jekk gewx sodisfatti r-rekwiziti stabbiliti ad validitatem mill-ligi sabiex parti legalment tkun tista’ tidhol f’ kuntratt.

Ghalhekk il-vertenza meritu tal-kawza odjerna ma tidholx fil-parametri tar-regolament 4[a] sa [e] ta’ l-Iskeda ta’ l-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li jiddelinea l-gurisdizzjoni limitata ta’ din il-Qorti; imma timpernja fuq l-artikoli 966, 967, 968 u 974 tal-Kap.16, u ghalhekk hija ta’ kompetenza tal-Prim Awla Civili fit-termini tar-regolament 6 ta’ l-Iskeda tal-Avviz Legali 9/2004.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni fuq indikata hija legalment sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tilqa’ l-imsemmija eccezzjoni, u tiddikjara li hija nkompetenti rationae materiae li tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna, tordna li l-istess kawza titnehha minn fuq il-lista ta’ din il-Qorti, u tordna li l-inkartament odjern jintbaghat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex tigi assenjata lil Prim Awla tal-Qorti Civili u tiddifferixxi l-kawza ghall-25 ta’ Ottubru 2007.

L-ispejjez ta’ dan il-gudizzju jkunu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------